Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
## Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
## IS-SEBAT LEĠISLATUR
## Laqgħa Numru 52
## It-Tlieta 20 ta Diċembru 2016

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-6.00p.m.

### PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku
Charles Selvaġġi – Kunsillier
Matthew Agius – Kunsillier
Romina Galea – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Emanuel Brincat – Kunsillier
Matthew Mangion -Chairperson KAS

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku
Lino Bartolo - Kunsillier
Alan Abela Wadge – Kunsillier

### ASSENTI

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

## 52.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

52.1.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella Ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija ta'
Dr. Alex Sciberras – Viċi Sindku talab li jkun skużat minħabba raġunijiet relatati ma xogħol
Lino Bartolo - Kunsillier talab li jkun skużat minħabba li jinsab ma jiflaħx
Alan Abela Wadge – Kunsillier talab li jkun skużat minħabba li jinsab imsiefer

l-membri preżenti unanimament aċċettaw apoloġiji

## 52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

52.2.01 Il-minuti ta' Seduta Nru 51 ttieħdu bħala moqrija. Saru xi korrezzjonijiet. Il-Minuti ġew approvati unanimament.

## 52.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

52.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill Kunsill dwar il-proġett ta'ġnien maTriq l-Irmiġġ li il-proġett se jsir kollu min Trasport Malta.Il-periti tal-proġett staqsew jekk hux possibbli li is-siġar u il-pjanti jagħmilhom il-Kunsill u staqsiet lil-kunsill jekk jaqbilx.Il-Kunsill approva unanimament. Is-Sindku pproponiet li ħa tipprova tara jekk tistax iġibhom bla-spejjez.Il-Kunsill qabel biex insibu l-aħjar mod biex nakkwistaw dawn is-siġar mingħajr spejjez.

52.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-Kunsill dwar il-Kunsill taż-żagħżagħ li reġgħu rebħu proġett ieħor u li ħa tħalli l-spjegazzjoni tad-dettalji għal aktar tard fis-seduta mil-Kunsillier Romina Galea.

## 52.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

52.4.01 Is-Segretarju Eźekuttiv Alan Vella informa lill-Kunsill dwar xi żviluppi minn punti msemmija fil-laqgħa preċedenti.

52.4.02 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill li c-cirkulari 38/2016 dwar fondi pubbliċi minfuqa għal-finanzjament tal'Għaqdiet li tagħti tifsira ta' artiklu 33 dwar il-kunsilli lokali Kap: 363.ntbghatet lill -kunsilliera.
IS-SUR MAURICE AGIUS GHAMEL REFERENZA U TALAB BIEX INKOMPLU NAGHMLU PRESSJONI BIEX NIEHDU FONDI LI MA HADNIEX DOVUTI MINHABBA LI ZIEDNA IL-KUNSILLIERA F'DAWN L-AHHAR TLETT SNIN.

52.4.03 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill li l-applikant is-Sur Jason Jones ġie infurmat mis-Sindku li talba għal un/loading Bay Komunali fi Triq ix-Xatt ta' Xbiex ma ġietx approvata.

52.4.04 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill dwar it-talba mis-Sur Daniel Hili Assistent Segretarju tal-każin tal- banda Melita biex bħal kull sena flimkien mal-kunsill Lokali issir it-tqassim tar-rigali tal-Milied għat-tfal.Ġie mgħarraf li għandu permess juża il-vann tal-kunsill għal din l-attività bil-kundizzjoni li tul il-perjodu miftiehem dan għandu jinstaq biss minn persuna waħda imsemmija minn qabel u li l-vettura ma tistax tintuża barra il-konfini tal-lokal ta' l-Imsida.Is-Sur Daniel Hili għarraf lis-Segretarju Eżekuttiv li hu stess se jkun ix-xufier.

52.4.05 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill li Mizzi Estates Ltd ġew avżati bil-miktub li il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għat-talba tagħhom bil-kundizzjoni li wara li jitlesta x-xogħol, il-planter jerġa issib post adattat jew jinbidel ma xi haġa simili.

52.4.06 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill wara li dehru artikli fuq Next Bike f'xi gazzetti lokali permezz ta' email staqsejna fuq il-permess lill-Trasport Malta u ħadna risposta mingħand Josianne Zahra li ma jafu xejn b'dan u qalulna nitolbu lill Tommy Debono għal aktar informazzjoni.Ahna ktibna lis-Sur Debono u dan wieġeb li ma għandu xejn .

Is-Sur Matthew Agius qal li fl-ebda hin il-Kunsill ma ta'approvazzjoni iżda kellna nikkonsultaw ma Kunsilli oħra li l-operatur qal li tawh il-permess.
Is-Sur Maurice Agius qal li mil-bidu li ma jqabilx ma sit fejn kellhom jeħlu dawn il-bike stands u li dak li ga waħħal mingħajr approvazzjoni tal-Kunsill irrid jitnehha.

Is-Sur Emanuel Brincat Ippropona li niktbu lill-Next Bike ha jaqla l-bike stand li waħħal mingħajr awtorizzazzjoni
Wara li l-Kunsill iddiskuta,ittieħdet id-deċiżjoni biex niktbu lill-Next Bike biex inehhu l-bike stand li gie installat.

52.4.07 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella qal lill-Kunsill li wara li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Karen Camilleri kienet kitbet lis-Sur Kenneth Cutajar GM District operations manager għal-ħaddiema addizzjonali.l-Kunsill kien mgħarraf li kien hemm żewġt kandidati.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai infurmat lill-Kunsill li saru l-interviews u intgħażel is-Sur John Micallef li kien l-aħjar kandidat.Is-Sur Micallef beda mal-Kunsill fil-1 ta' Diċembru.

52.4.8 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill dwar il-fanal li kellu jinqala b'ordni tal-qorti fi Triq Sant'Antnin li-bagħat ittra biex tiġi spjegata s-sitwazzjoni u din ġiet mqassma

52.4.9 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill dwar risposta mingħand il-kuntrattur li poġġa scaffolding go-Triq Tal- Qroqq, li l-kuntrattur qed ikompli jgħid li dam seba' ġimghat biss.
Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa għalkemm kien jammonta il-ħlas dovut u biex nagħmlu pressjoni fuq il-kuntrattur.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella spjega li l-ammont hu ta' 2854 euro iżda ma hemmx ħafna fuq xiex jista' jagħmel pressjoni minħabba iċ-ċirkustanzi kif graw.

Is-Sur Charles Selvaġġi Ippropona biex nippruvaw għal-9 ġimghat u jekk ma naslux immorru għal-7 ġimghat.
Il-Kunsill qabel mal-proposta.

52.4.10 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill dwar Il-poġġaman tat-taraġ ta' Skate Park li ittieħdu bosta ritratti u se jibgħat email lill-Sport Malta u Trasport Malta biex jieħdu ħsieb ħafna affarijiet spjegati fir-ritratti. IS-SUR CHARLES SELVAGGI IKKONFERMA LI SARU.

52.4.11 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill dwar kongestjoni ta'traffiku fejn il-Busy Bee u Solo Pizza,li bagħat email lil-Trasport Malta u lill-Pulizija u dawn bagħtu risposta lura li ha jagħmlu li jistghu.Hawn spjega li Transport Malta ha javżaw ix-xufiera biex jidhlu fil-bus bay u l-Pulizija infurmaw li ta' spiss jaghddu il Pulizija ta' traffiku min hemm.

52.4.12 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill dwar parkeġġ abbużiv ta' vetturi tal-kumpanija Titan,li bagħat ittra reġistrata lill-kumpanija biex dan l-abbuż jieqaf.

52.4.13 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill dwar bankina mfarrka u sprall mkisser fi Triq it-Tabib Naudi,li l-haddiema ħadu xi ritratti u se jibgħaton lill Trasport Malta u MEPA.

52.4.14 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill li l-Stop sign quddiem it-taraġ tal-kunsill saret.

52.4.15 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill dwar Ilmenti fuq xi gwardjani lokali waqt il-ħin li joħorġu it-tfal mill-skola ta' St Francis, li l-uffiċju għamel kuntatt mal-LESA u spjega is-sitwazzjoni. Gejna infurmati li se jħassru ċ-ċitazzjonijiet konċernati u se jkellmu lil wardens biex f'dawk il-ħinijiet jghinu lin-nies.Ġemma Cassar bagħtet email għal konferma.

52.4.16 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill dwar mistoqsija li ghamel is-Sur Charles Selvaggi jekk Il-parkeġġ ta' Triq il-Wied ma Blue Cross Annimal Clinic hux tal-privat jew pubbliku,li baghtna e-mail għal-verifika.

52.4.17 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill dwar Ilment fuq il-bins u dog litter fi Triq Oskar Zammit u r-roundabout hi kollha hmieg tal-klieb,li bagħtna ħaddiema jiċċekkjaw ħalli naraw x' hemm bżonn isir.

52.4.18 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill dwar garaxxijiet mhux użati f' Triq Calleja Schembri, li is-Sur John Micallef mar jivverifika. Jidher li jista' jsir parkeġġ wieħed. Iżda hemm bżonn nerġgħu nivverifikaw bil-pulizija f Jannar.

Is-Sur Charles Selvaġġi issuġġerixxa biex inkellmu lill-photographer biex inżidu imqar parkeġġ wieħed quddiemu,fl-stess ħin għandna niccekjaw il-linji sofor kollha fit-toroq u anke il-propjetajiet ħalli fejn hemm bżonn nirranġaw u nżidu il-parkeġġ.

52.4.19 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill li l-lista mitluba mis-Sur Charles Selvaġġi ta'bankini li hemm bżonn issiru inklużi dawk li għandhom garanzija mal-MEPA.tinsab inkluża ma dokumenti preżentati fuq il-mejda.

52.4.20 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill dwar kemm il-kumpanija Green MT għanda tagħti lill-kunsill u x' passi se nieħdu,li għandu jiċċekkja ma l-accountant u jgħarraf lill-Kunsill.

52.4.21 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill dwar il-ħġieġ imkisser tal-Bus Stop,li bagħat email lil Trasport Malta biex jieħdu ħsieb jirranġaw.

52.4.22 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill dwar il-kopja tal-pjanta ta' binja li se tinbena fi Triq il-Wied, li sar kuntatt u tlabna għal pjanta il-ġdida.

52.4.23 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill dwar It-tbajja tal-art ta' Misraħ San Guzepp, li ha naraw il-possibilità li jew b-xiri jew b-kirja ta' magna tal-ħasil ta' l-art,il-ħaddiema tal-kunsill ikunu jistgħu jagħmlu x-xogħol huma

52.4.24 Is-Sur Maurice Agius staqsa fuq il- patching ta' Triq It-Tabib Naudi.
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li-dan ix xogħol għandu issir meta it-temp u affarijiet oħra jippermettu.

52.4.25 Is-Sur Maurice Agius staqsa fuq talba ta'żebra Cross oħra go Triq D'Argens.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li għada ma hadietx risposta iżda spjegatt li waqt laqgħa li kellha ma Trasport Malta ippreżentat lista shiha ta' llmenti u ngħatat rendikont taghhom.Hawn kompliet tispjega li mill-informazzjoni li mhux uffiċjali, li hemm pjan biex iż-żebra Cross ta' fejn l-għassa tista' tmur lura fejn kienet qabel.

52.4.26 Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa dwar il-proġett pilota tal-Green warden u jekk kienx hemm xi żvilupp fejn jidħol ir-rendikont ta' taħrikiet
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li talbet għar-rendikont
Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa jekk ir-rendikont ntalabx b-mod verbali u insista li dan għandu ikun bil-miktub.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai spjegat li mill-informazzjoni li sa issa għanda nqabdu 3 persuni fi Triq is-Snajja',Triq F.S Caruana u Triq il-Wied
Is-Sur Matthew Agius insista li dawn il-Green Wardens għandhom imorru bejn is-7 u il 11 ta' filgħaxija
Is-Sur Emanuel Brincat issuġġerixxa li għandu jittieħed stokk ta' li qed jiġri.

Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa jekk hemmx allokazzjoni fuq dawn il-wardens.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li le u issuġġeriet għal stimi fuq kameras.
Is-Sur Charles Selvaġġi qal li għalkemm dawn jiswew il-flus hemm bżonn li insibu fejn inwahlu il-kameras u nuru kollox fuq facebook forsi min jidher jabbuża ikun hemm xi ħadd li jagħrfu u jirrapporta ha jittieħdu passi kontrih.
Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa jekk tistax issir xi bye law li nistghu inqabdu lill xi hadd iharrek u jaghti cittazjonijiet.
Giet diskussa il-possibilita biex issir bagit ghall finanzjar ta' enforcement.

52.4.27 Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa jekk hadniex xi tip ta' risposta fuq il-mozzjoni ta' parkeġġ residenzjali.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li sa issa kull ma ħadna huwa l-acknowledgment.
Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa li jekk jassumi kemm ilha li intbghatet il-mozzjoni,forsi ġimgħa qabel il-laqgħa preċedenti.Li ħa jagħti ftit ċans ieħor iżda insista li hemm bżonn li ssir xi haġa. Hawn spjega li għalkemm ippreżenta din il mozzjoni, kien b' diskussjoni u kontra proposti li l-kunsill wasal għal ftehim unanimu u qabel li għandu issir xi haġa f'dan ir-rigward, mod speċjali fejn nies mill-Imsida qed jeħlu ċitazzjoni għax jiparkjaw go Ta'Xbiex u nies minn Ta'Xbiex ma jeħlu xein għax jipparkjaw go L-Imsida
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li ha titlob laqgħa mal-LESA fuq dan is-suġġett u anke fuq il-Green Wardens u meta tkun se ssir din il-laqgħa ha tavża u jista' jattendi kull kunsillier.
Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa dwar il-funtana ta'Triq Victor Denaro li għada vojta.

**52.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

52.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-Kunsill dwar talba magħmula mis-soċjetà tal-Mużew biex il-Kunsill jiffinanzja il-kirja ta' siġġijiet waqt il-kunċert li jsir wara il-purċissjoni tal-Milied. Is-Sindku spjegat li għamlet laqgħa mas-Superjur biex tispjega li il-liġi taħt Kap 363 ma tippermettix lil-Kunsill biex jiffinanzja jekk ma jkunx qed jipparteċipa fl-attività u li talbitu biex ibiddel il kontenut tat-talba u jinkludu lill-Kunsill. Is-Sindku kompliet tispjega li s-Superjur staqsa minn meta din il-liġi u oġġezzjona li il-Kunsill ikun involut għax il-purċissjoni hija attività tas-soċjetà tal-mużew biss.Ghaldaqstant is-Sindku gharfietu li b' dispjecir il-Kunsill ma jistax jghin.

Is-Sur Matthew Agius issuġġerixxa li tintbagħat ittra ta' spjega tal-liġi lil għaqdiet kollha u li turi l-interess tal-Kunsill li jipparteċipa u jorganizza sa fejn jista' bil-liġi.Il Kunsill għandu jinkoraġġixxi kull inizjattiva u involviment b' isħab għal attivitajiet kulturali.
Il-Kunsilliera Emanuel Brincat u Maurice Agius qablu ma-suġġeriment.
Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament.

52.5-02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill-Kunsill dwar email li bgħatet lill-Kunsillera dwar talba magħmula mill-għaqda tal-banda biex il-kunsill jipparteċipa b' isħab fil-kunċert ta'lejljiet il-Milied.Hi issugeriet 300 euro u ir-risposti kienu favur il partecipazjoni.

Is-Sur Matthew Agius qal li jaqbel iżda l-ammont għandu jkun bħal tas sena l-oħra mhux għax ma uzajniex fondi fuq attività inżidu m'attività oħra

Is-Sur Charles Selvaġġi qal li sakemm is-sitwazzjoni tal-finanzi tippermetti huwa jaqbel ma Matthew Agius iżda il-Kunsill għandu jagħmel ċar dan il-fatt ma l-ghaqdiet li l-Kunsill jipparteċipa sa fejn jista''.

Is-Sur Matthew Agius qal li għanda tkun ċara li parteċipazzjoni mil-Kunsill tfisser li kullħadd għandu jagħmel dak li jista' fil-limiti ta'riżorsi tiegħu.

Is-Sur Charles Selvaġġi qal li ma jistax ikun li dawn l-affarijiet jiġu għand il-Kunsill fl-ahhar hin, iżda għandu jkun hemm kalendarju ta' attivitajiet mill-għaqdiet kollha. Sostna li wasal iż-żmien biex ilaqqgħu lil-dawn l-ghaqdiet ħalli nkunu nistgħu nfasslu programm ta' sena u pjan ta' parteċipazzjoni fejn jista' jkun hemm bżonn.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella ġibed l-attenzjoni li tajjeb li jkun hemm din il-laqgħa u kalendarju ta' attivitajiet biex il-Kunsill ikun jista' jipprepara il-programm kulturali tiegħu u jara fejn dan jista' jipparteċipa,iżda il-kunsill irrid jagħmel baġit għal dawn l-attivitajiet li se jkun qiegħed jipparteċipa fihom.

Is-Sur Charles Selvaġġi qal li jaqbel u hemm bżonn naraw eżatt meta ser ssir , ma min ser ssir u kemm tiswa kull attività. Dan fis-sens biex inżommu mal-baġit.

Is-Sur Emanuel Brincat qal li irridu noqgħodu attenti għax mhux kull tip ta' attività tiswa l-stess għalhekk irridu nimxu bil-għaqal u fair ma kulħadd.

Is-Sur Charles Selvaġġi qal li-mhux qed jgħid hekk, anzi jaqbel li lanqas ikun sew li nipparteċipaw sa tant ma wieħed u hafna aktar ma ieħor,għalhekk hu xieraq li inkunu nafu min qabel dak li ha jsir ħalli inkunu nistgħu nagħmlu kalendarju u bagit ahjar.

Is-Sur Matthew Agius qal li jaqbel mas-segretarju u għandna nagħmluha ċara li il-Kunsill mhux xi open cheque anzi il-funzjoni tal-Kunsill hija aktar bħal ta' co-ordinatur.

Is-Sur Emanuel Brincat qal li jaqbel u il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament.

52.5-03 Is-Sinjura Romina Galea ridet tiċċara li kien hemm xi kummenti neqsin fil punt 51.3.3 fejn Is-Sur Maurice Agius kien semma li is-sena l-oħra il-van kien misjuq b'mod traskurat Is-Sinjura Romina Galea għamlet rimarka li mhux sew li dawn il kummenti issiru sena wara u messhom saru dak iż-zmien. Hawn kompliet tispjega li xi ħadd mexxeja li kienet hi li qalet dan il-kliem biex ipinġuha kera mal-kumissjoni zghazagh.Dan mhux sew għax kull ma semmiet kien li l-van jintuża għat tfal ta' l-Imsida biss u min juzah ghandu jimxi mal kundizzjoni li iddeċieda l-Kunsill. Is-Sur Maurice Agius reġa' ikkonferma l kien hu li qal hekk.Il kunsilliera prezenti ikkonfermaw li hadd ma ghamel ogezzjoni ghall uzu tal-van.

52.5-04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill Kunsill dwar laqgħa tal-UIF fejn il-kunsilliera setgħu jattendu u ma gie hadd. Is-Sindku bdiet tagħti spjegazzjoni dwar is-Suġġett tal-laqgħa fejn sar xi tibdil u żdied l-uzu ghall fondi li jistgħu jiġu użati anke fuq it- toroq.

Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa kemm hemm fondi.
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li hemm madwar 200,000 euro.
Is-Sur Matthew Agius qal li ġa hemm xi stimi ta' toroq forsi napplikaw għalihom.

Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li dawn l-stimi irridu jerġgħu issiru għax antiki u l-affarijiet inbidlu
Is-Sur Charles Selvaġġi qal li għal ammont ta' fondi li hemm ma tistax tagħmel ħafna toroq,wisq inqas it-toroq li irridu issiru mill-ġdid.

52.5-05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai stidnet lil-kunsillier Romina Galea tispjega ix-xogħol li se għamel il-Kunsill taż-żgħażagħ.
Is-Sinjura Romina Galea għarrfet lill Kunsill li l-Kunsillżgħażagħ.ppreżenta proġett ieħor lill aġenzija żgħażagħ. u għal darba oħra kien fost ir-rebbieha.spjegat kif meta kien sar il-proġett ta' tindif tal-ġibjun inġabar kwantità ta'skart u ntlew numru ta' skips,izda sfortunatament il-ġibjun illum reġa' hemm kwantità kbira ta'oġġetti mormija u hija veru hasra.Ghalhekk ġie propost dan il-proġett biex issiru bollards biex ma jħallux karozzi jieqfu u jħammġu mad- dawra tal-gibjun.Dan forsi issolvi ftit il-problema iżda il-fondi jammontaw għal 3000 euro u żgur mhux biżżejjed biex forsi tittwahal kamera halli servi ta'deterrent għal dan l-abbuż.

Is-Sinjura Romina Galea konkludiet billi talbet lill-Kunsill jara jistax jinstalla kamera għal fuq dik l-arja tal-ġibjun
Is-Sur Maurice Agius feraħ u ta' prosit lil-Kunsill żgħażagħ ta' xogħol siewi li qed jagħmlu u ssuġġerixxa li nippruvaw nitolbu lil-għaqda tal-kaċċaturi biex ituna għajnuna bil-kameras
Is-Sinjura Romina Galea qalet li l-unika haġa li hemm fuq il-kameras hija is-sistema tar-recording.
Is-Sur Charles Selvaġġi qal li fuq il-kameras il-bieraħ wara li tkellem mas-Segretarju Eżekuttiv dwar xi-stimi li ġab il-Kunsillier Alan Abela Wadge li huma għoljin hafna,cempel lil xi-ħadd li dak il-hin inzerta kien imsiefer u qallu li dawn jiġu bejn 400 u 500 euro il-wahda,hawn staqsa lil dan l-individwu jekk hux lest li jaghmel sponsor fuq xi kameras.
Is-Sur Charles Selvaġġi kompla jispjega li ghalkemm dan ma wigiebx iva jew le la jigi lura f'Jannar jiprova ikellmu.

52.5-06 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella għarraf lill-Kunsill dwar it-talba mis-Sur Clayton Camilleri għal ħlas ta' ħsara fir-rim ta' rota, wara li dan saq il-vettura tiegħu fuq ħofra nhar it-3 ta' Novembru fit-8 ta' filgħaxija go Triq D`Argens,is-Sur Clayton Camilleri ġie infurmat li l-Kunsill ma laqghax it-talba tiegħu.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella informa lil-Kunsill li Sur Clayton Camilleri reġa' spjega il-każ u li ta' min jinnota li din il-ħofra ġiet mimlija l-għada ta' l-aċċident u qed jitlob lill kunsill biex jerġa jikkunsidra.
Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa diversi mistoqsijiet jekk hux vera li l-ħofra imtliet , jekk hemm xi rekord fuq ix-xogħol li sar u għal kemm tammonta il-ħsara.

Is-Sur Emanuel Brincat qal li sar xi-xogħol ta'patching fit-triq u dan ivverifika is-Segretarju eżekuttiv, waqt li fuq ir-rekord ta' xogħol li issir qal li dan qed naħdmu fuq sistema biex inkunu aktar infurmati.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li it-talba hija ta 65 euro ghall-hsara fir-rim li tkopri it-tiswija.
Is-Sur Charles Selvaġġi qal li ħofra ġiet mimlija tfisser li kienet hemm.
Is-Sur Matthew Agius staqsa l-għala r-rapport sar ġurnata wara.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wieġeb li is-Sur Camilleri qallu li ma riedx iħalli il-karozza fin nofs u iżomm traffiku shih għaldaqstant kompla issuq.
Is-Sur Maurice Agius qal li sakemm l'istima ma tinbidilx u mhux bħal ma ġieli gara jgħidu ammont fi stima u imbagħad il-kont jiġi ammont ieħor.
Is-Sur Matthew Agius qal li it-talba hija għal tiswija u raġonevoli.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li għandna mexxu.
il-Kunsill approva it-talba ta' Sur Camilleri għal ħlas ta' 65 euro.

52.5-06 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella informa lil-Kunsill li hemm claim ieħor mis-Sur Christopher Saliba ta' ħsara f-tyre wara li saq fuq hofra fi-Triq D' Argen bejn in-Nisan u id-Dulopilo però bla ritratti.Il-ħaddiema marru jaraw u ma sabu xejn u l-għada rġajna morna niċċekkjaw u ma stajna insibu xejn mad- deskrizzjoni tar-rapport.
Is-Sur Charles Selvaġġi qal li għandna nitolbu biex jintbagħat aktar dettalji u jindika fejn hija l-ħofra eżatt u wara nikkunsidraw.
Is-Sur Emanuel Brincat ippropona li nagħmlu hekk u il-Kunsill qabel

52.5-07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai informat lil-kunsill li hadna korrispondenza biex norganizzaw attivita tal-Karnival go l-Imsida.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li il-Karnival ġej bejn 24 u 28 ta'Frar biex jekk iż-żfin issir fis-26 li ikun il-Ħadd indahluwa fil-Kalendarju tal-Karnival

52.5-08 Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa fuq il-Bankina go Triq Victor Denaro quddiem Pearl Court,fejn ġie rappurtat li hemm xi partijiet fejn wieħed jista' jwegga.biex forsi nibgħatu l-ħaddiema u nsewwu għax jista' jaqa xi ħadd fuqhom u anke minħabba li jistgħu ifittxu lill-Kunsill.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li din għaddiha lil John Micallef biex jieħu ħsieb qabel ma siefer għal kura. Fil-każ li ma sarx nibgħat lil-ħaddiema u nagħmluha.

52.5-09 Is-Sur Charles Selvaġġi qal li irċieva email u staqsa fuq Triq Is-Sarg jekk hux vera li qed tsfronda.
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li ktibna lil-Perit ha jiġi jara.
Is-Sur Charles Selvaġġi staqsa jekk ir-residenti kienux infurmati.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li dawn ġew infurmati billi rispondiet lil min bghat l-email
Is-Sur Emanuel Brincat qal li mar jara it-triq u ma jidhirx li hemm xi periklu imminenti iżda xorta irrid issir rapport mil-perit

## 52.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat

52.6.01 Ma kienx hemm laqghat ta' kumittati

52.7.01 **52.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda l'Skeda ta`ħlasijiet għal-approvazzjoni tal-membri.l'skeda ġiet approvata unanimament.

52.8.1 **52.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet 20:30 ta' filgħaxija.u ġiet aġġornata għall-24 ta' Jannar 2017 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**Minuti konfermati, illum 20 ta Diċembru 2016**

IFFIRMATA

| | |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai<br>Sindku | Alan Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |